MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-13 ta' Frar, 2015

Numru. 11/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Gerald Cauchi**

**(ID 261765(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Gerald Cauchi, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 261765(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-27 ta' Jannar 2010 u matul it-tnax-il xahar ta' qabel din id-data:

1) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu;

3) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Ikkommetta l-imsemmi reat fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh skond l-Artikolu 22(2b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi waqt l-ezami tieghu[1], l-imputat wiegeb illi m'huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat ukoll fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

[1] A fol. 8 tal-process.

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar is-27 ta' Jannar 2010, wara diversi sighat ta' osservazzjoni fuq il-Liverpool Bar, gewwa Qormi Road, Hamrun, ghall-habta tas-2.00 p.m., pulizija mill-Iskwadra ta' kontra d-Droga dahlu fl-imsemmi bar u sabu lill-imputat li gie nnutat jarmi *plastic bag* taht il-bank tal-bar[2]. Fl-istess *plastic bag* kien hemm madwar tlettax-il pakkett bi trab kannella u tlett bicciet karti, ukoll bi trab kannella. Minn tfittxija li saret fuq l-imputat, instabet is-somma ta' mitejn Euro (€200) u *mobile phone*, fil-waqt illi minn tfittxija fil-bar instabu tlett cameras, seba' arloggi tal-idejn, zewg *mobile phones* ohra, zewg *stereos* tal-karozzi u *plastic bag* iehor b'xi zerriegha tal-ghasafar. Minn tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat, instabu zewgt imwiezen elettronici u bicciet tal-*foil*, inkluz romblu tal-*foil*.[3] Mix-xhieda ta' PC 1319 Matthew Xuereb, jirrizulta wkoll illi dak il-hin li l-pulizija dahlu fl-imsemmi bar, kien hemm xi nies ohrajn li kienu qeghdin mal-bar, inkluz il-mara tieghu li kienet tinsab f'xi kamra izjed 'il gewwa.

L-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet fit-28 ta' Jannar 2010[4] u fid-29 ta' Jannar 2010[5] rispettivament, wara li nghata s-solita twissija illi kellu d-dritt li jibqa' sieket, izda dak li jghid jista' jingieb bhala prova, apparti illi ghamel ukoll stqarrijiet verbali lill-Ufficjal Investigatur. L-imputat ghazel li ma jiffirmax dawn l-istqarrijiet.

**Ikkunsidrat ukoll:**

---

[2] Skond PS 1220 Chris Baldacchino, huwa ra lill-imputat jarmi borza li kienet fuq il-bank u li dan remiha taht l-istess bank (a fol. 25 tal-process). PC 1319 Matthew Xuereb ukoll ikkonferma illi huwa kien ra lill-imputat jarmi borza taht il-bank tal-bar (a fol. 27 tal-process).

[3] Ara xhieda tal-Ispettur Johann J. Fenech (a fol. 17 *et seq* tal-process); xhieda ta' PS 1220 Chris Baldacchino (a fol. 25 *et seq* tal-process); xhieda ta' PC 1319 Matthew Xuereb (a fol. 27 *et seq* tal-process) u x-xhieda ta' PS 891 Oscar Baldacchino (a fol. 70 *et seq* tal-process).

[4] Esebita a fol. 20 *et seq* tal-process. Fix-xhieda tieghu, PC 1183 Oliver Borg ikkonferma illi huwa kien xhud ta' din l-istqarrija u illi l-Ispettur Fenech kien wissa lill-imputat bid-dritt tieghu li jibqa' sieket. Huwa gharaf il-firma tieghu u dik tal-Ispettur Fenech fuq l-istess stqarrija (a fol. 23 *et seq* tal-process).

[5] A fol. 22 tal-process. Fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2011, id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq lil PS 635 Alan Calleja bhala xhud tal-identita` tal-imputat b'referenza ghall-istqarrija rilaxxjata minnu u dan minghajr pregudizzju ghall-fatt illi l-imputat ma nghatax id-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel irrilaxxja l-istqarrija tieghu (a fol. 66 tal-process).

Illi fir-rigward tal-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat, id-difiza tissottometti fit-trattazzjoni finali taghha, illi in kwantu jirrigwarda dik il-parti tal-istqarrija jew stqarrijiet fejn l-imputat jammetti illi kien jitraffika fid-droga eroina, din ghandha tigi sfilzata u dan stante illi l-istess imputat ma nghatax id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju tieghu. In kwantu jirrigwarda l-bqija tal-istqarrija jew stqarrijiet fejn l-imputat jirreferi ghad-dipendenza qawwija tieghu mid-droga eroina, fil-fehma tad-difiza, din il-Qorti ghandha tiehu konjizzjoni taghha u dan stante li din giet ikkorroborata mill-istess imputat fix-xhieda tieghu u permezz ta' xhieda ohrajn. Issa fil-waqt illi l-Qorti tinnota illi f'dawn il-proceduri, l-imputat baqa' ma tax ix-xhieda tieghu, kif kellu kull dritt li jaghmel, lanqas ma tressqu xhieda ohra, inkluz il-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri, imsemmi mid-difiza fit-trattazzjoni taghha, sabiex jaghtu x-xhieda taghhom dwar dan il-punt. Ix-xhieda imressqa mid-difiza xehdu fuq zewg punti partikolari ossia l-imwiezen u l-*foil* li nstabu fir-residenza tal-imputat.

L-ezercizzju li ghandha u li ser taghmel il-Qorti huwa illi tiddeciedi dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrijiet tal-imputat fit-totalita` taghhom u dan in vista tal-fatt illi kif tajjeb qalet id-difiza, fiz-zmien li dawn gew rilaxxjati, l-imputat ma kellux id-dritt illi jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju tieghu. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010. Din il-Qorti tirreferi ghal diversi sentenzi li trattaw l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija fin-nuqqas ta' assistenza legali qabel l-interrogatorju *inter alia* is-segwenti: **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru 2012, **Il-Pulizija vs Amanda Agius** u **Il-Pulizija vs Tyrone Fenech**, decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' April 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Antonio Abdilla et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Mejju 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Saliba**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju 2013, **Il-Pulizija vs Jesmond Camilleri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' April 2013, **Il-Pulizija vs Alexei Zerafa**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 2013, **Il-Pulizija vs Paul Cutajar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Gunju 2013, **Il-Pulizija vs Deborah Osmond**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-

31 ta' Ottubru 2013, **Il-Pulizija vs Robert Busuttil**, deciza mill-istess Qorti fl-20 ta' Frar 2014 u **Il-Pulizija vs Natassja Gouder** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza fit-8 ta' Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet illi l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi "*Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u jekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur.*"

In oltre, fis-sentenza fl-ismijiet **John Attard vs Onorevoli Prim Ministru et** deciza fil-31 ta' Mejju 2013, il-Qorti Kostituzzjoni regghet irriteniet illi:

*"Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita`, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha influwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Deborah Osmond**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013, inghad hekk fir-rigward tal-istqarrija rilaxxjata mill-appellata f'dawk il-proceduri:

*"Irrizulta mill-provi illi l-prosekuzzjoni resqet bhala addebitu kontra l-appellata l-istqarrija biss peress li ma hemm l-ebda xhieda ohra ma xhiex setghet tikkorrobora din l-istess stqarrija. Irrizulta illi l-appellata kienet tfajla ta' 18 il-sena b'fedina penali nadifa li sabet ruhha arrestata mill-pulizija in konnessjoni ma' reat illi gie kommess minn haddiehor u kien biss waqt l-intervista taghha mal-pulizija illi ammettiet illi hadet id-droga ecstasy xi sena qabel l-intervista. Veru illi fl-istqarrija hemm imnizzel illi l-appellata giet moghtija l-caution, imma kemm kienet effettiva din it-twissija jew kemm fehmitha stante l-eta' tenera taghha f'dawk ic-cirkostanzi din il-Qorti ferm tiddubita. Ghalhekk irrizulta illi l-unika prova illi resqet il-prosekuzzjoni kontra l-appellata hija l-istqarrija u darba din ma tinsabx korroborata minn xhieda ohra jkun perikoluz illi l-Qorti ssib htija fuq din il-prova biss. Terga' din il-Qorti jidhrilha illi bhala tfajla ta' l-eta' ta' 18 il-sena, ghad illi din hija eta' maggioritarja, l-appellata kellha titqies bhala persuna vulnerabbli illi facilment kienet impressjonata bil-prezenza tal-pulizija u l-fatt illi kienet qed tigi nterrogata minnhom. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi fuq l-iskorta ta' dawn id-decizjonijiet ricenti l-Ewwel Qorti ghamlet sew li skartat l-istqarrija u peress li ma kienx hemm provi ohra waslet ghal liberatorja ta' l-appellata. Din il-Qorti jidhrilha illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha waslet ghal konkluzjoni gusta u din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba din il-konkluzjoni."*

U fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Gunju 2013, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Paul Cutajar</u>**, inghad hekk:

*"Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata 'l ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidu nett ta' l-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjonijiet moghtija ricentament (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali u Gianni Attard vs Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti rrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullita ta' l-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hix korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabli illi seta' facilment ikun impressjonat jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi nterrogat mill-pulizija. F'dan il-kaz irrizulta illi l-appellant fiz-zmien*

*ta' l-arrest tieghu kien persuna matura ta' 48 sena, kien jaf, fehem sew x'kienu qeghdin jghidu l-pulizija u li kellu d-dritt illi jzomm sieket. Dana ma ghamlux u minflok iddecieda li jaghti l-verzjoni tieghu f'din l-istess stqarrija. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi din il-verzjoni abbinata ma' provi ohra li rrizultaw f'dan il-process iwasslu lil din il-Qorti ghal konviciment morali illi ma hemm xejn hazin fl-istqarrija illi ghamel l-appellant lill-pulizija u dina ghandha tigi kkunsidrata fl-ambitu tal-provi kollha mressqa mill-prosekuzzjoni."*

Issa f'dan il-kaz, jirrizulta illi meta ttiehdet l-istqarrija tieghu, l-imputat ma kienx minuri jew ta' eta` li wiehed jista' jsejjhilha tenera, izda anzi kien ragel adult u matur ta' erbgha u erbghin sena u mill-fedina penali tieghu dak iz-zmien, jirrizulta wkoll illi huwa diga` kellu esperjenza tal-ambjent ta' interrogatorju u kif dawn isiru u ghalhekk ma jistax jinghad illi kien facilment ser jimpressjona ruhu f'dan l-ambjent. Minn harsa lejn l-istqarrija rilaxxjata minnu, jirrizulta illi qabel l-interrogatorju tieghu l-imputat gie mgharraf bid-dritt tieghu li jibqa' sieket u ma jwegibx u skond il-ligi vigenti dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn. L-imputat lanqas ma allega illi gie msawwat jew mhedded jew imqarraq biex ghamel l-istqarrija tieghu jew li kien ibati minn xi vulnerabilita` partikolari xort'ohra meta ghamel l-istess stqarrija u l-Qorti tinnota wkoll illi qabel irrilaxxja z-zewg stqarrijiet, huwa gie mistoqsi mill-Ufficjal Investigatur jekk kienx jinsab f'posizzjoni li jirrilaxxja stqarrija, ghal-liema domandi huwa wiegeb darbtejn fl-affermattiv.

Imbaghad, il-Qorti tqis ukoll illi l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat m'hijiex l-uniku prova li qeghda tistrieh fuqha l-prosekuzzjoni f'dan il-kaz. Fil-pussess tal-imputat fil-jum in kwistjoni, fil-fatt instabu sittax-il qartas bi droga eroina, kontenenti ammonti li fihom inniffishom ukoll jipprovdu element qawwi ta' korroborazzjoni ghall-verzjoni moghtija mill-imputat fit-tieni stqarrija tieghu. Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi u fuq skorta tad-decizjonijiet fuq citati, il-Qorti jidhrilha illi l-istqarrijijiet rilaxxjati mill-imputat abbinati ma' provi ohrajn li jirrizultaw mill-atti, huma ammissibbli u ser jigu kkunsidrati fl-ambitu tal-provi kollha li gew imressqa quddiemha.

**Ikkunsidrat ukoll:**

L-ewwel imputazzjoni – traffikar ta’ droga eroina

Fl-ewwel stqarrija rilaxxjata minnu fit-28 ta’ Jannar 2010[6], l-imputat jghid illi huwa ghandu l-vizzju tad-droga, li ilu jiehu l-eroina minn meta kellu tmintax-il sena u li qatt ma dahal fi programm ghalkemm sitt snin qabel kien waqaf jabbuza mill-eroina ghal perjodu ta’ tlett snin. L-ahhar li ha l-eroina kien fil-jum ta’ qabel ghall-habta ta’ nofsinhar u jiehu bejn tlieta u erba’ grammi kuljum. Fil-jum ta’ qabel, sa nofsinhar, huwa kien ha bejn gramma u tnejn. Solitament kien jiehu l-eroina d-dar, ghalkemm gieli abbuza mid-droga fil-hanut ghaliex kellu kamra fuq gewwa. Qal illi l-hanut ‘Liverpool Café’ imexxih hu, izda fil-ghodu bejn it-8.30 a.m. u s-1.00 p.m. ikun hemm ibnu Dylan u wara jmorru hu u l-mara tieghu. Qal illi l-ahhar li kien xtara l-eroina kien it-Tnejn ta’ qabel ghall-habta tal-11.00 a.m. (l-arrest tieghu sehh nhar l-Erbgha, 27 ta’ Jannar 2010) u kien xtara hmistax-il gramma bil-prezz ta’ Eur 30 il-gramma. Ammetta illi l-oggetti elevati minn gewwa l-hanut kienu tieghu, li l-arloggi kienu tat-tfal u li dawn xtrawhom minghand it-Taljani, li l-*istereos* kienu fuq vetturi tieghu antiki u l-*cameras* tawhomlu klijenti bhala kapparra ghal flus li kien sellifhom dwar loghob tal-*billiard.* Huwa cahad li dawn kienu oggetti moghtija lilu minflok flus minghand terzi li xtraw id-droga minghandu. Qal illi l-imwiezen li nstabu fir-residenza tieghu, xtrahom minn gewwa Oxford Street, cahad li kien xtrahom biex jizen id-droga u qal illi s-sustanza misjuba fil-pussess tieghu kienet eroina. L-imputat qal ukoll illi d-droga kienet ghalih, li qatt ma biegh droga mill-hanut u li l-pakketti ossia l-qratas kien ghamilhom huwa stess bid-droga li kien xtara t-Tnejn ta’ qabel. Iz-zerriegha kienet qanneb ghall-verdun u kienet ilha ghandu xi tlett snin.

Fit-tieni stqarrija tieghu tad-29 ta’ Jannar 2010[7], meta gie ssuggerit lilu jekk kienx veru illi fil-jum ta’ qabel, waqt l-istqarrija verbali tieghu, fil-presenza ta’

[6] A fol. 20 *et seq* tal-process.
[7] A fol. 22 tal-process.

PC 1183 Oliver Borg, huwa qal li gieli nehha pakkett eroina sabiex imantni l-vizzju tieghu, huwa wiegeb fl-affermattiv u qal li dan kien jaghmlu mill-pjazza tal-Hamrun bil-prezz ta' Eur 10. Innega li qatt biegh minn gewwa l-Liverpool Café` u qal li kienu ilu jbiegh l-eroina x-xhur.

Fix-xhieda tieghu, l-Ispettur Johann Fenech qal illi wara li huwa ta s-solita twissija lill-imputat skond il-ligi, verbalment l-istess imputat stqarr mieghu illi gieli nehha xi pakkett biex imantni l-vizzju tieghu.[8] PC 1183 Oliver Borg xehed[9] illi huwa kien xhud tal-istqarrija tal-imputat nhar it-28 ta' Jannar 2010 u li dakinhar, wara li l-imputat inghata s-solita twissija mill-Ispettur, huwa qalilhom illi huwa jbiegh biex imantni l-vizzju tieghu, izda sussegwentement, waqt l-istqarrija li rrilaxxja dakinhar, l-imputat ghazel li jerga' jmur lura minn kellmtu.

Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, mill-istqarrijiet tal-imputat inniffsu ossia dik maghmula minnu verbalment lill-Ispettur Fenech, fil-presenza ta' PC 1183 Oliver Borg, kif ukoll dik rilaxxjata minnu fid-29 ta' Jannar 2010, jirrizulta car illi huwa ammetta li kien ibiegh id-droga eroina sabiex imantni l-vizzju tieghu, illi dan kien ilu jaghmlu x-xhur, li kien ibiegh l-eroina mill-pjazza tal-Hamrun u dan bil-prezz ta' Eur 10 il-pakkett.

Il-Qorti kkunsidrat illi l-ewwel imputazzjoni tirreferi ghas-27 ta' Jannar 2010 u t-tnax-il xahar ta' qabel din id-data u ghaldaqstant il-bejgh tal-eroina da parti tal-imputat jinkwadra ruhu fit-termini tal-istess imputazzjoni. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni giet ippruvata mill-Prosekuzzjoni fil-grad rikjest mil-ligi.

<u>It-tieni imputazzjoni – pussess aggravat tad-droga eroina</u>

---

[8] A fol. 18 tal-process.
[9] A fol. 23 tal-process.

Jibda biex jinghad illi la darba l-imputat ammetta li kien qed ibiegh id-droga eroina, isegwi wkoll necessarjament illi fl-istess zmien huwa kellu wkoll il-pussess aggravat tal-istess droga. Jirrizulta wkoll illi fil-jum in kwistjoni, fil-pussess tal-imputat, gewwa l-Liverpool Café, instabu sittax-il qartas bl-eroina, apparti diversi oggetti ohrajn gewwa l-istess hanut u romblu tal-*foil* u zewgt imwiezen elettronici gewwa r-residenza tieghu.

Mir-relazzjoni esebita mill-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut[10], jirrizulta illi d-dokumenti mghoddija lilu ghall-analizi kienu jikkonsistu *inter alia* fis-segwenti:

i. Borza tal-*plastic* trasparenti li fiha karta bil-kliem – Data 27/1/10 Hin 2:45pm Elevat/i minn gol-cupboard tal-kcina fil-presenza ta' Cauchi Rose Marie ID 2013008(P) minn PS891, PC777 u zewgt imwiezen – dan id-dokument gie moghti l-kodici tal-laboratorju 365_11_03;

ii. Borza tal-*plastic* trasparenti li fiha karta bil-kliem – Data 27/1/10 Hin 2:45pm Elevat/i minn fuq il-bank tal-kcina fil-presenza ta' Cauchi Rose Marie ID 2013008(P) minn PS891, PC777 u kaxxa tal-*aluminium foil* li fih romblu *aluminium foil* – dan id-dokument gie moghti l-kodici tal-laboratorju 365_11_04;

iii. Borza tal-*plastic* trasparenti li fiha karta bil-kliem – Data 27/1/10 Hin 2:30pm Elevat/i minn taht il-bank tal-bar tal-Liverpool Bar fil-presenza ta' Gerry Cauchi minn PS1220, PC1319 u 13-il qartas tal-karti li fihom trab ta' lewn kannella u 3 iqratas tal-*plastic* trasparenti li fihom trab ta' lewn kannella – dan id-dokument gie moghti l-kodici tal-laboratorju 365_11_05;

iv. Borza tal-*plastic* trasparenti li fiha karta bil-kliem – Data 27/1/10 Hin 2:30pm Elevat/i minn gol-cupboard ta' Liverpool Bar fil-presenza ta' Gerry Cauchi minn PS1770, PC1319 u zerriegha – dan id-dokument gie moghti l-kodici tal-laboratorju 365_11_06.

Jirrizulta wkoll mill-istess relazzjoni, illi l-imsemmi espert ikkonkluda s-segwenti dwar l-imsemmija dokumenti:

[10] A fol. 76 tal-process.

a) Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella fid-dokument 365_11_05, instabet is-sustanza eroina, li l-piz totali tat-trab kien ta' 6.61 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 23%.

b) Illi fuq *germination test* li sar fuq 100 zerriegha mehuda *at random* mid-dokument 365_11_06, 2% biss kienu germinabbli. Dwar dan, skond ix-xhieda tal-istess espert[11], din iz-zerriegha kienet tikkonsisti f'*hem seeds* ossia zerriegha tal-*cannabis*.

Irid jinghad ukoll illi ghalkemm fix-xhieda tieghu, l-istess espert jghid illi mizien minnhom kien indikattiv ghal xi droga, mir-relazzjoni tieghu jirrizulta illi z-zewgt imwiezen fid-dokument 365_11_03 taw rizultat negattiv ghall-presenza ta' eroina.

Issa dwar is-sittax-il qartas bl-eroina misjuba fil-pussess tal-imputat, tlettax mil-liema kienu qratas tal-karti u tlieta mil-liema kienu qratas tal-*plastic* trasparenti, jibda biex jinghad illi skond ir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, it-tlettax-il qartas tal-karti kienu jikkontjenu trab fis-segwenti pizijiet: 0.31 grammi, 0.34 grammi, 0.32 grammi, 0.36 grammi, 0.33 grammi, 0.34 grammi, 0.31 grammi, 0.36 grammi, 0.35 grammi, 0.32 grammi, 0.31 grammi, 0.34 grammi u 0.38 grammi. It-tlett iqratas tal-*plastic* kienu jikkonsistu fi trab bis-segwenti pizijiet: 0.71 grammi, 0.77 grammi u 0.76 grammi. Huwa evidenti ghalhekk illi l-imputat, li fl-ewwel stqarrija tieghu jghid illi kien huwa stess illi qassam id-droga f'dawn il-pakketti, qasam l-istess droga b'tant precizjoni illi t-tlettax-il qartas tal-karti, min-naha l-wahda, u t-tlett iqratas l-ohrajn min-naha l-ohra, huma kwazi identici ghal xulxin. Il-mod tant preciz illi bih l-imputat qasam din id-droga eroina fi qratas (fi tlettax-il qartas u fit-tlett iqratas rispettivament), meta huwa wkoll fatt ben not illi d-droga 'fis-suq' tinbiegh fi qratas, huma cirkostanzi li diga` fihom nnifishom juru li dik id-droga ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu.

[11] A fol. 73 *et seq* tal-process.

Mhux biss, izda jinghad ukoll illi l-imputat stqarr illi solitament kien jabbuza mill-eroina gewwa daru, ghalkemm gieli kien jiehu d-droga fil-kamra ta’ wara tal-hanut. Jghid ukoll illi dakinhar tal-arrest tieghu, sa nofsinhar, huwa kien ha bejn gramma u zewg grammi u li huwa generalment kien imur fil-hanut wara s-1.00 p.m. ghaliex sa dak il-hin, ikun hemm ibnu fil-hanut. Wiehed ghalhekk jistaqsi – mela la darba l-imputat kien, skond hu, jikkonsma bejn tlieta u erba’ grammi kuljum, kif jghid fl-istqarrija tieghu, u la darba dakinhar diga` kien ikkonsma bejn gramma u tnejn, x’kien qieghed jaghmel l-imputat b’sittax-il qartas bid-droga eroina jew 6.61 grammi eroina fil-hanut tieghu? Anke li kieku ghall-grazzja tal-argument, ried jikkonsma minnhom fil-kamra ta’ wara tal-hanut, ghalfejn kellu johrog mid-dar, fejn skond hu solitament kien jabbuza mid-droga, b’din il-kwantita` ta’ droga, meta dakinhar diga` kien ha bejn gramma u tnejn eroina? Jirrizulta car illi fil-pussess tieghu gewwa l-istess hanut, l-imputat kellu ferm izjed droga milli kien jinhtieg ghall-konsum tieghu f’dak il-jum. In oltre, jekk l-imputat kien jikkonsma bejn tlieta u erba’ grammi kuljum, kif jghid hu, x’sens kien jaghmel li joqghod jaqsam id-droga fi qratas zghar b’medja ta’ 0.34 grammi kull qartas, jekk mhux bl-iskop li jbiegh minnhom?

Veru illi l-imputat stess jghid illi huwa kellu vizzju qawwi tad-droga eroina, tant li kif inghad, jghid ukoll illi kien ilu b’dan il-vizzju minn meta kellu tmintax-il sena, izda dan ma jeskludix necessarjament illi d-droga misjuba fil-pussess tieghu ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu, kif issostni d-difiza. Anzi din il-Qorti hija tal-fehma illi c-cirkostanzi li fihom instabet id-droga, il-mod kif din kienet maqsuma, in-numru ta’ pakketti u s-sejba ta’ din id-droga fil-pussess tal-imputat gewwa l-bar immexxi minnu, kif ukoll l-ammissjoni tieghu stess illi huwa kien ibiegh id-droga sabiex imantni l-vizzju tieghu, iwassluha sabiex tikkonkludi lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, illi tali cirkostanzi juru proprju l-kuntrarju ossia illi d-droga eroina in kwistjoni ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tal-istess imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tieni imputazzjoni giet ippruvata mill-Prosekuzzjoni fil-grad rikjest mil-ligi.

<u>It-tielet imputazzjoni – pussess tal-pjanta *cannabis* jew parti minnha</u>

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, jirrizulta car mir-relazzjoni u mix-xhieda tal-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut, illi minn 100 zerriegha mehuda *at random*, li nstabu fil-pussess tal-imputat, 2% minnhom kienu germinabbli u illi dawn kienu zerriegha tal-*cannabis*. Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni wkoll tirrizulta ppruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

<u>Ir-raba' imputazzjoni – l-aggravju tad-distanza</u>

Illi l-imputat instab fil-pussess ta' kwantita` ta' trab kontenenti droga eroina – 6.61 grammi – f'cirkostanzi li juru li dan ma kienx intiz ghall-uzu esklussiv tieghu u dan gewwa *bar* ossia l-Liverpool Café` li kien immexxi mill-istess imputat. Fih inniffsu l-imsemmi lok huwa post li fih normalment jiltaqghu z-zghazagh, ghalkemm naturalment mhux zghazagh biss u ghalhekk certament illi dan huwa lok li jidhol fil-parametri tal-aggravju tad-distanza ai termini tat-tieni proviso ghall-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

<u>**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**</u>

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati odjerni, mil-liema jirrizulta illi sa dakinhar, l-imputat kien instab hati *inter alia* ta' reati kontravvenzjonali, serq aggravat u pussess semplici ta' droga f'erba' okkazzjonijiet, dwar liema huwa gie kkundannat ghall-hlas ta' multa fi tlett okkazzjonijiet u sentenza ta' prigunerija sospiza, flimkien ma' Ordni ta' Supervizjoni. Irid jinghad ukoll illi dawn ir-reati in konnessjoni ma' droga jirrisalu ghas-snin 1985 u 1994.

Qieset ukoll l-ammont ta’ droga misjuba fil-pussess tal-imputat u l-purita` tal-istess droga, kif ukoll illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu sittax-il qartas eroina. Ikkunsidrat ukoll illi l-imputat kien ilu jbiegh l-eroina ghal diversi xhur, kif qal hu stess fl-istqarrija tieghu.

Fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan billi qeghda tqis ir-reat mertu tat-tieni imputazzjoni bhala mezz ghal fini sabiex seta’ jigi kommess ir-reat fl-ewwel imputazzjoni. Applikat ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-piena pekunjarja tassattiva applikabbli ghar-reat fl-ewwel imputazzjoni u l-piena pekunjarja li qeghda tapplika fir-rigward tat-tielet imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u t-tieni proviso ghall-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikoli 17 (f) u (h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghal **piena ta’ erbatax (14)-il xahar prigunerija effettiva –** li minnu ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat inzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma’ dan il-kaz - **u ghal piena ta’ multa ta’ elf Euro (€1,000)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda b’din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jivverifika din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed fiz-zmien lilu preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuta.

Il-Qorti tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta’ mitejn, tlieta u disghin Euro u tlieta u hamsin centezmu (€293.53), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri, ammontanti ghas-somma ta’ disa’ mija, hamsa u hamsin Euro, tmienja u sebghin centezmu (€955.78) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta’ erba’ mija, erbgha u tletin Euro u wiehed u sittin centezmu (€434.61), ammontanti b’kollox l-istess spejjez ghas-somma ta’ elf, sitt mija, tlieta u tmenin Euro u tnejn u disghin centezmu (€1,683.92). Din is-somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien sena mil-lum, b’dan illi jekk huwa jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga, formanti parti minn Dokument JJF2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Fir-rigward tad-Dokument JJF konsistenti f’zewg *stereos* tal-vetturi, tliet *cameras* tar-ritratti, seba’ arloggi tal-idejn u zewg *mobile phones*, stante li ma ngabitx prova fil-grad rikjest mil-ligi illi dawn kienu oggetti derivanti minn jew konnessi mar-reati li dwarhom qed jinstab hati l-imputat, il-Qorti qeghda tordna r-rilaxx taghhom favur il-hati u ghall-istess raguni, qeghda tordna wkoll ir-rilaxx tas-somma ta’ mitejn Euro (€200) favur il-hati, liema somma tifforma parti minn Dokument JJF2.

Ghalkemm il-Qorti m’ghandha l-ebda informazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-hati llum, il-Qorti tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi huwa ferm importanti

illi l-hati jinghata l-kura u l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jirrijabilita ruhu, jew kemm il-darba huwa diga` beda miexi f'din it-triq, ikompli jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------